**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 17 ta' Ottubru, 2019

Rikors Numru: 395/19 AL

**A B**

Vs

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet ikkontrattaw iż-żwieġ tagħhom fis-16 ta' Mejju 1998 u dan jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ markat Dok A.

2. Illi l-partijiet ilhom separati de lege għal aktar minn erba' (4) snin u ċioe' mit-13 t' Ottubru 2014 u dan kif jirriżulta minn kuntratt ta'

separazzjoni bonarja in atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri hawn anness u markat Dok B.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' snin mifrudin minn ma' xulxin, illum għandhom ħajja totalment separata minn ma' xulxin.

4. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.

Rat ir-risposta tal-intimata Sharon Falzon li permezz taghha ddikjarat illi hija taqbel maż-żewġ talbiet tar-rikorrenti u taqbel mal-premessi kollha tar-rikors ġuramentat.

Illi madanakollu ma'għandhiex tbati spejjeż ta' din il-proċedura.

Rat l-atti kollha;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Settembru, 2019;

Rat ir-risposta tal-intimata li giet ikkonfermata minnha bil-gurament taghha;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-13 ta' Ottubru, 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.